

Brussell, 7 ta' Frar 2019  
(OR. en)

6168/19

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2019/0025(NLE)**

---

---

ENV 117  
ENT 28  
ONU 11  
CHIMIE 18

## PROPOSTA

---

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	6 ta' Frar 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 52 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fid-disa' laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes fir-rigward tal-proposti għall-emendi tal-Annessi A u B

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2019) 52 final.

---

Mehmuż: COM(2019) 52 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 6.2.2019  
COM(2019) 52 final

2019/0025 (NLE)

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fid-disa' laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes fir-rigward tal-proposti għall-emendi tal-Annessi A u B**

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA**

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Stokkolma b'rabta mal-adozzjoni prevista tad-deċiżjonijiet biex jiġu emendati l-Annessi A u B billi jiġu elenkati aktar sustanzi kimiċi u jiġu emendati tal-entrati eżistenti.

### **2. KUNTEST TAL-PROPOSTA**

#### **2.1. Il-Konvenzjoni ta' Stokkolma**

Il-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes ("il-Konvenzjoni") għandha l-għan li tħares is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent minn materjal organiku persistenti li jniġġes (POPs). Il-Konvenzjoni toħloq obbligi li jorbtu legalment għall-Partijiet biex jieħdu miżuri bl-għan li jeliminaw jew jirrestrinġu l-produzzjoni u l-użu, u l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' POPs. Il-Partijiet huma obbligati wkoll biex jieħdu miżuri bl-għan li jnaqqsu jew jeliminaw ir-rilaxxi mill-produzzjoni mhux intenzjonata ta' POPs u r-rilaxxi minn ħażniet u minn skart.

Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-24 ta' Frar 2004.

L-Unjoni Ewropea u 27 Stat Membru huma partijiet għall-Konvenzjoni<sup>1</sup>.

#### **2.2. Il-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Stokkolma**

Stabbilita skont l-Artikolu 19 tal-Konvenzjoni, il-Konferenza tal-Partijiet hi l-korp ta' tmexxija tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma. Il-korp normalment jiltaqa' kull sentejn biex jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni. Hu jirrieżamina wkoll il-kimiċi ppreżentati mill-Kumitat ta' Rieżami dwar il-POPs għall-kunsiderazzjoni tiegħu.

Skont l-Artikolu 23 tal-Konvenzjoni, kull parti għandha vot wieħed. Madankollu, l-organizzazzjonijiet reġjonali għall-integrazzjoni ekonomika bħall-UE jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jivvutaw b'għadd ta' voti li jkun ugwali għall-għadd ta' Stati Membri tagħhom li huma partijiet għall-Konvenzjoni.

#### **2.3. L-att previst tal-Konferenza tal-Partijiet**

Fid-disa' laqgħa ordinarja, li sseħħ mid-29 ta' April sal-10 ta' Mejju 2019, il-Konferenza tal-Partijiet se tikkunsidra l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet biex jiġu elenkati aktar sustanzi kimiċi fl-Annessi A, B u/jew C għall-Konvenzjoni.

L-iskop tal-atti previsti hu li jelenkaw aktar sustanzi kimiċi jew li jementaw l-entrati eżistenti fl-Annessi A, B u/jew C għall-Konvenzjoni. L-elenkar fl-Annessi A, B u/jew C għandu l-effett li s-sustanzi kimiċi jsiru soġġetti għal miżuri mmirati lejn l-eliminazzjoni jew ir-restrizzjoni tal-produzzjoni u tal-użu tagħhom, inklużi t-tnaqqis jew l-eliminazzjoni ta' rilaxxi mhux intenzjonati. L-emenda tal-entrati eżistenti għandha l-għan li tnaqqas in-numru ta' eżenzjonijiet mill-miżuri ta' kontroll.

L-atti previsti ser isiru vinkolanti għall-partijiet f'konformità mal-Artikolu 22(4) tal-Konvenzjoni, li jipprevedi: "Il-proposta, l-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ tal-emendi għall-Annessi A, B jew C għandhom ikunu soġġetti għall-istess proċeduri bħall-proposta, l-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ ta' annessi addizzjonali għal din il-Konvenzjoni, ħlief li emenda

---

<sup>1</sup> ĠU L 209, 31.7.2006, p. 1.

għal Anness A, B jew C ma għandhiex tidħol fis-seħħ fir-rigward ta' kwalunkwe Parti li tkun għamlet dikjarazzjoni fir-rigward tal-emenda għal dawk l-Annessi skont il-paragrafu 4 tal-Artikolu 25, f'liema każ kwalunkwe emenda bħal din għandha tidħol fis-seħħ għal tali Parti fid-disgħin jum wara d-data tad-depożitu mad-depożitarju tal-istrument ta' ratifika, ta' aċċettazzjoni, ta' approvazzjoni jew ta' adeżjoni tagħha fir-rigward tat-tali emenda.”

### 3. IL-POŻIZZJONI LI TRID TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Il-Kummissjoni qed tippromponi lill-Kunsill deċiżjoni ta' sostenn, f'isem l-Unjoni, tad-deċiżjonijiet biex jiġu emendati l-Annessi A u B għall-Konvenzjoni fid-disa' laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet. Dawk id-deċiżjonijiet ser iżidu aktar sustanzi kimiċi fl-Anness A, u jagħmluhom soġġetti għall-obbligi skont il-Konvenzjoni, b'mod partikolari t-tnaqqis jew l-eliminazzjoni ta' rilaxxi mill-produzzjoni u mill-użu intenzjonati. Barra minn hekk, il-Konferenza tal-Partijiet hi mistennija tadotta deċiżjoni li se tneħħi jew temenda ċerti eżenzjonijiet għall-użu ta' sustanza kimika li diġà tkun elenkata fl-Anness B għall-Konvenzjoni.

Id-deċiżjonijiet li huma ppreżentati lill-Konferenza tal-Partijiet għall-adozzjoni huma bbażati fuq ir-rakkomandazzjonijiet mill-Kumitat ta' Rieżami tal-Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes (POP-RC), korp sussidjarju taħt l-awtorità tal-Konferenza tal-Partijiet. Is-sustanzi kimiċi rakkomandati mill-POP-RC għall-elenkar fl-Anness A nstabu li jissodisfaw il-kriterji tal-Anness D għall-Konvenzjoni. Ir-rakkomandazzjonijiet mill-POP-RC biex jitneħħew jew jiġu emendati l-eżenzjonijiet mogħtija għall-użu tas-sustanzi kimiċi elenkati fil-Konvenzjoni huma bbażati fuq valutazzjoni tal-alternattivi disponibbli.

Bħala l-mexxejja fit-tfassil tal-politika ambjentali, hu kruċjali li l-Unjoni terġa' tafferma l-impenn globali tagħha għall-promozzjoni ta' implimentazzjoni aħjar tal-ftehimiet u tal-istandards ambjentali multilaterali. Dan jinkludi s-sostenn u l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet adottati mill-korpi sussidjarji xjentifiċi ta' dawk il-ftehimiet u l-aderenza mal-kriterji stabbiliti fil-ftehimiet li fuqhom huma bbażati t-tali rakkomandazzjonijiet.

Barra minn hekk, din l-inizjattiva hi konformi mal-prijorità ta' Juncker biex l-UE ssir attur globali aktar b'saħħtu b'għanijiet għall-iżvilupp sostenibbli, b'mod partikolari s-saħħa (3) u l-konsum u l-produzzjoni responsabbli (12), kif ukoll mas-Seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali.

Għaldaqstant, l-Unjoni għandha ssostni d-deċiżjonijiet proposti biex id-dikofol u l-aċidu perfluorooottanojku (PFOA), l-imlieh tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOA jiġu elenkati fl-Anness A. Dawn is-sustanzi kimiċi diġà huma soġġetti għal restrizzjonijiet skont id-dritt tal-Unjoni li huma simili għal dawk skont il-Konvenzjoni. L-użu tad-dikofol ġie pprojbit fl-Unjoni bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2032/2003<sup>2</sup> u bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/764/KE<sup>3</sup>. L-użu tal-aċidu perfluorooottanojku (PFOA), tal-imlieh tiegħu

<sup>2</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2032/2003 tal-4 ta' Novembru 2003 dwar it-tieni fażi tal-programm ta' ħidma ta' 10 snin imsemmi fl-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward it-tqegħid ta' prodotti bijoċidici fis-suq, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1896/2000 (ĠU L 307, 24.11.2003, p.1).

<sup>3</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/764/KE tat-30 ta' Settembru 2008 dwar l-esklużjoni tad-dikofol fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u l-irtirar ta' awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom dik is-sustanza (ĠU L 262, 1.10.2008, p. 40).

u tal-komposti relatati mal-PFOA ġie ristrett bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1000<sup>4</sup>.

Id-Deċiżjoni POPRC-14/2 tal-POP-RC tirrakkomanda l-elenkar tal-aċidu perfluworoottanojku (PFOA), tal-imlieh tiegħu u tal-komposti relatati mal-PFOA b'ċerti eżenzjonijiet speċifiċi. Dik ir-rakkomandazzjoni hi bbażata fuq ir-rieżami tal-informazzjoni sottomessa mill-Partijiet u mill-partijiet ikkonċernati, inkluża informazzjoni li toriġina mill-Unjoni, u tirrifletti l-ħtieġa ta' użu ssoktat tal-PFOA għal ċerti użi speċifiċi. Uħud mill-eżenzjonijiet speċifiċi jkunu meħtieġa mill-Unjoni, kif muri mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1000, li jinkludi dispożizzjonijiet li jippermettu l-użu ssoktat tal-PFOA għal ċerti użi speċifiċi fl-Unjoni.

L-Unjoni għandha ssostni wkoll it-tneħħija jew l-emendar ta' skopijiet aċċettabbli u ta' eżenzjonijiet speċifiċi għall-użu tal-aċidu sulfoniku perfluworoottan (PFOS), tal-imlieh tiegħu u tal-fluworur tas-sulfonil tal-perfluworoottan (PFOSF) fl-Anness B. L-iskopijiet aċċettabbli u l-eżenzjonijiet speċifiċi kollha li huma rakkomandati għat-tħassir ma għandhomx jintużaw fl-Unjoni.

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Konferenza tal-Partijiet trid tiġi stabbilita, peress li l-emendi tal-Annessi A u B ser ikunu jorbtu legalment fuq l-Unjoni u ser ikollhom ikunu riflessi fir-Regolament (KE) Nru 850/2004, li jimplementa l-Konvenzjoni ta' Stokkolma fl-Unjoni.

#### **4. BAŻI ĠURIDIKA**

##### **4.1. Bażi ġuridika proċedurali**

###### *4.1.1. Prinċipji*

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprovdi għal deċiżjonijiet li jstabbilixxu *“l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita bi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”*

Il-kunċett ta' *“atti li jkollhom effetti legali”* jinkludi atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp ikkonċernat. Dan jinkludi wkoll strumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li *“jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-UE”*<sup>5</sup>.

###### *4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ*

Il-Konferenza tal-Partijiet hi korp stabbilit permezz ta' ftehim, jiġifieri l-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes.

L-att li l-Konferenza tal-Partijiet qiegħda tintalab tadotta jikkostitwixxi att li jkollu effetti legali. L-att previst ser ikun vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f'konformità mal-Artikolu 22(4) tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma u jkollu jiġi rifless fir-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar pollutanti organiċi

<sup>4</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1000 tat-13 ta' Ġunju 2017 li jemenda l-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH) fir-rigward tal-aċidu perfluworoottanojku (PFOA), l-imlieh tiegħu u s-sustanzi relatati mal-PFOA (ĠU L 150, 14.6.2017, p. 14).

<sup>5</sup> Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-punti 61 sa 64.

persistenti u li jemenda d-Direttiva 79/117/KEE<sup>6</sup>. Dan għaliex l-Artikolu 14(1) ta' dak ir-Regolament jeħtieġ l-emendar tal-Annessi I, II u III tiegħu kull meta sustanza tkun elenkata fil-Konvenzjoni.

L-att previst ma jissupplimentax u ma jemendax il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali tad-Deċiżjoni proposta hi l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

## **4.2. Bażi ġuridika sostantiva**

### *4.2.1. Prinċipji*

Il-bażi ġuridika sostantiva biex tittieħed deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-objettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwarhom tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ miri jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk il-miri jew komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissegjes fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-mira ewlenija jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

### *4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ*

L-objettiv u l-kontenut prinċipali tal-atti previsti huma relatati mal-qasam tal-“ambjent”.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta hi l-Artikolu 192(1) tat-TFUE.

## **4.3. Konklużjoni**

Il-bażi ġuridika tad-Deċiżjoni proposta għandha tkun l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

---

<sup>6</sup> ĠU L 158, 30.4.2004, p. 7.

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fid-disa' laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes fir-rigward tal-proposti għall-emendi tal-Annessi A u B**

### IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes ("il-Konvenzjoni") daħlet fis-seħħ fis-17 ta' Mejju 2004 u ġiet konkluża f'isem l-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/507/KE<sup>7</sup>.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 jimplimenta l-Konvenzjoni ta' Stokkolma fl-Unjoni<sup>8</sup>.
- (3) Skont l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, il-Konferenza tal-Partijiet għandha tiddeċiedi jekk telenkax sustanza kimika, u tispeċifikax il-miżuri ta' kontroll relatati tagħha, fl-Annessi A, B u/jew C.
- (4) Id-disa' laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Stokkolma hi mistennija tadotta deċiżjonijiet biex jiġu elenkati aktar sustanzi kimiċi fl-Anness A u biex tiġi modifikata entrata eżistenti fl-Anness B.
- (5) Hu xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Konferenza tal-Partijiet, billi d-deċiżjonijiet ser ikunu vinkolanti fuq l-Unjoni.
- (6) Biex jiġu protetti s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent minn aktar rilaxxi ta' dikofol u ta' aċidu perfluworooottanojku (PFOA), tal-imlieh tiegħu u ta' komposti relatati mal-PFOA, hemm bżonn li jitnaqqsu jew jiġu eliminati l-produzzjoni u l-użu ta' dawk is-sustanzi kimiċi fil-livell globali u li jiġi sostnut l-elenkar tagħhom fil-Konvenzjoni. Barra minn hekk, hemm bżonn li jkompli jitnaqqas jew jiġi eliminat l-użu tal-aċidu sulfoniku perfluworooottan (PFOS), tal-imlieh tiegħu u tal-fluworur tas-sulfonil tal-perfluworooottan (PFOSF) billi jitħassru jew jiġu emendati l-iskopijiet aċċettabbli u l-eżenzjonijiet speċifiċi fl-Anness B,

<sup>7</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/507/KE tal-14 ta' Ottubru 2004 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes (ĠU L 209, 31.7.2006, p. 1).

<sup>8</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar pollutanti organiċi persistenti u li jemenda d-Direttiva 79/117/KEE (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 7).

## ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

1. Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fid-disa' laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Stokkolma għandha tkun, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kumitat għar-Reviżjoni ta' Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes, li tappoġġja:
  - l-elenkar tad-dikofol fl-Anness A għall-Konvenzjoni mingħajr eżenzjonijiet speċifiċi;
  - l-elenkar tal-aċidu perfluworootanojku (PFOA), tal-imlieh tiegħu u tal-komposti relatati mal-PFOA fl-Anness A b'eżenzjonijiet speċifiċi għall-manifattura ta' semikondutturi jew ta' apparati elettroniċi relatati, ta' kisjiet fotografiċi applikati għall-films, ta' tessuti għaż-żejt u għar-reżistenza tal-ilma għall-protezzjoni tal-ħaddiema minn likwidi perikolużi li jinvolvu riskji għas-saħħa u għas-sikurezza tagħhom, ta' apparati mediċi invażivi u impjantabbli, ta' fowm tat-tifi tan-nar għas-supressjoni bil-fwar ta' fjuwils likwidi u ta' nirien tal-fjuwils likwidi;
  - it-tħassir tal-“iskopijiet aċċettabbli” li ġejjin mill-entrata dwar l-aċidu sulfoniku tal-perfluworootan (PFOS) u d-derivattivi tiegħu fl-Anness B għall-Konvenzjoni: l-immaġnijiet fotografiċi, il-fluwidi idrawliċi tal-avjazzjoni, ċerti apparati mediċi (bħas-saffi tal-kopolimeru tat-tetrafluoroetilen tal-etilen (ETFE) u l-produzzjoni tal-ETFE radjuopak, l-apparati mediċi djanjostiċi in vitro, u l-filtri tal-kulur tas-CCD), il-kisjiet fotoreżistenti u antiriflessi għas-semikondutturi, l-aġent tal-inċiżjoni għas-semikondutturi komposti u l-filtri taċ-ċeramika;
  - it-tħassir tal-“eżenzjonijiet speċifiċi” li ġejjin mill-entrata dwar l-aċidu sulfoniku tal-perfluworootan (PFOS) u d-derivattivi tiegħu fl-Anness B għall-Konvenzjoni: il-maskli fotografiċi fl-industrija tas-semikondutturi u tad-displej tal-kristall likwidu (LCD), tal-ipplejtjar tal-metall (ipplejtjar tal-metall iebes) u l-ipplejtjar tal-metall (ipplejtjar tal-metall dekorattiv), il-partijiet elettriċi u elettroniċi għal ċerti stampaturi tal-kulur u magni tal-ikkupjar tal-kulur, l-insetticiċi għall-kontroll ta' Solenopsis invicta u ta' termiti, il-produzzjoni taż-żejt bis-sustanzi kimiċi;
  - l-emenda tal-“iskop aċċettabbli” għall-PFOS u d-derivattivi tiegħu għall-produzzjoni u għall-użu ta' fowm tat-tifi tan-nar għal “eżenzjoni speċifika” għall-użu ta' fowm tat-tifi tan-nar għas-suppressjoni ta' fwar tal-fjuwil likwidu u għal nirien tal-fjuwil likwidu;
  - l-emenda tal-“iskop aċċettabbli” għall-PFOS u d-derivattivi tiegħu għall-użu f'lixxi tal-insetti għall-kontroll ta' nemel li jtaqqab il-weraq minn *Atta* spp. u minn *Acromyrmex* spp. billi jiġi inkluż is-sulfurammid u jiġi speċifikat li l-“iskop aċċettabbli” hu għal użu agrikolu biss.
2. L-irfinar ta' din il-pożizzjoni, fid-dawl tal-iżviluppi fid-disa' laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Stokkolma, jista' jiġi miftiehem mir-rappreżentanti tal-Unjoni, wara koordinazzjoni mal-Istati Membri, permezz ta' koordinazzjoni fuq il-post mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lill-Kummissjoni.  
Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*